MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1285/2003

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Marsala James**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz prezentat fit-30 ta’ Gunju, 2003 fejn intalab li l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta’ sebgha mija sebgha u sittin lira u sebgha u sebghin centezmu rapprezentanti servizzi rezi skond contract number 8094 u dana ghax-xhur bejn Ottubru u Novembru 2002 bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 30 t’April, 2003 u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li kien ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa’ ma ta ebda twegiba biex jikkontesta t-talba tas-socjeta attrici.

Semgha x-xhieda tal-PL Peter Sammut li kkonferma li mid-data tal-prezentata sal-lum l-ammont ghadu dovut;

Ghal dawn il-mottivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut huwa debitur fil-konfront tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' mija sebgha u sittin lira u sebgha u sebghin centezmu. Kwindi jikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma kif rikjesta bl-ispejjez u bl-istanza kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali sal-hlas effettiv ghas-saldu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------